# V.DA KONFRATERNITA

## TAL-B.V.M TAL-KARMELU

### A.D. 1801



3 ta' Mejju 2010

Ħuti Fratelli,

Nhar l-**Erbgħa, 19 ta' Mejju**, niċċelebraw **l-Aħħar Erbgħa tal-Madonna tal-Karmnu**. Importanti li **tkunu l-knisja fis-6.00 p.m**. ħalli lebsin il-kunfratija u l-muzzetta nassistu għall-quddiesa, li toħroġ fis-6.30 p.m., **lebsin ta' fratelli**. Wara l-quddiesa nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni Marjana li ssir fuq l-artal tal-Madonna tal-Karmnu u nimxu lejn l-artal maġġur fejn jitkanta 'Te Deum' ta' ringrazzjament lil Alla u wara tingħata l-Barka Sagramentali. Il-funzjoni tintemm bil-bews tar-Relikwa.

Infakkarkom li min hu interessat li jerfa' fil-vara tal-Madonna tal-Karmnu waqt il-purċissjoni ta' nhar il-festa, li din is-sena se taħbat **il-Ħadd, 25 ta' Lulju**, importanti li jingħaqad fi **grupp ta' 4 fratelli** li jkunu jissodisfaw waħda minn dawn iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

a) **Servizz FESTA 2009 u servizz ieħor matul is-sena**.

jew

b) **ĦAMES SERVIZZI matul is-sena**.

Importanti li timlew il-formola, li qed nibagħtulkom ma' din iċ-ċirkulari, bl-ismijiet ta' dawk interessati u titfgħuha f'kaxxa apposta li se jkun hemm għand l-Arċipriet jew tgħadduha lil xi ħadd mill-Kumitat tal-Fratellanza, sa **mhux aktar tard minn nhar il-Ħadd, 6 ta' Ġunju**.

Wara li jiġu ċċekkjati l-formoli mitfugħa, **il-polza tar-reffiegħa tittella' nhar il-Ħadd, 13 ta' Ġunju, fl-10.30 a.m., fl-Oratorju**. Importanti li għat-tlugħ tal-polza jkun hemm, għall-inqas, **membru minn kull grupp preżenti**.

Nhar **il-Ħadd, 6 ta' Ġunju**, fil-parroċċa tagħna **nfakkru s-Solennita tal-Ġisem u d-Demm Għażiż tal-Mulej (Korpus)**. Il-purċissjoni bis-sagrament tibda ħierġa wara l-quddiesa tas-**6.00pm**.

GRAZZI.

**Dejjem Tagħkom,**

**Joseph Buhagiar**
**Segretarju**

**FRATELLANZA TAL-B.V.M. TAL-KARMELU IMWAQQFA FL-1801 - PARROĊĊA ŻURRIEQ**
RETTUR - FRANCIS FARRUGIA TEL : 21641358 • MOB : 79479119
SEGRETARJU - JOSEPH BUHAGIAR TEL : 21647403 • MOB : 99488262